

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000088/2012

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Giles Chichester, Vicky Ford, Evžen Tošenovský

f'isem il-Grupp ECR

Suġġett: L-aċċess tal-SMEs għall-Fondi Strutturali

L-aċċess għal kapital suffiċjenti biex jikbru u jiżviluppaw aktar l-attivitajiet tagħhom huwa diffikultà ffaċċjata minn ħafna SMEs Ewropej. Il-qafas attwali tal-Politika ta' Koeżjoni għandu l-għan li jindirizza din il-problema, partikolarment permezz ta' strumenti ta' appoġġ speċjali bħal JEREMIE u JASMINE. Madankollu, studju reċenti tal-PE dwar "l-impatt u l-effikaċja tal-fondi strutturali u politiki tal-UE għall-SMEs fir-reġjuni" jidentifika diversi preokkupazzjonijiet fost l-SMEs, pereżempju l-piż amministrattiv tar-rekwiżiti ta' applikazzjoni, rapportar u awditjar, il-ħtieġa ta' prefinanzjament tal-proġetti u n-nuqqas ta' regoli armonizzati għall-fondi u l-programmi.

1. Il-Kummissjoni se tnaqqas ir-rekwiżiti għall-SMEs ta' prefinanzjament tal-proġetti?
2. Il-Kummissjoni biħsiebha tissimplifika l-istruttura futura ta' JEREMIE (b'rabta mal-fondi għall-investment) u ttejjeb l-aċċess tal-SMEs għal JEREMIE?
3. Il-Kummissjoni kif se tikkontribwixxi biex jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-fondi strutturali?
4. Il-Kummissjoni kif tipproponi li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi tar-rekwiżiti ta' applikazzjoni, rapportar u awditjar għall-SMEs li japplikaw għal finanzjament, partikolarment l-entitajiet Żgħar u Mikro?
5. Il-Kummissjoni kif se tiżgura li bir-regolament il-ġdid il-finanzjament tal-SMEs ikun immirat aħjar?
6. Il-Kummissjoni kif se tiżgura użu aħjar tad-data ta' monitoraġġ b'rabta mal-finanzjament tal-SMEs permezz tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni?
7. Il-Kummissjoni se tqiegħed aktar enfasi fuq l-għoti ta' finanzjament inizjali għal imprendituri żgħażaġħ?
8. Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tiddelimita mill-anqas 15% tal-baġit tal-Fond Strutturali għal infig b'rabta mar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni?
9. Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tnaqqas l-allokazzjonijiet taħt l-intestaturi tal-baġit li jonfqu anqas ripetutament, bħall-PAK jew il-Fondi Strutturali, u li talloka dawn l-ammonti lil linji tal-baġit dwar ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni kif ukoll lill-faċilitajiet ta' finanzjament speċifiċi għall-SMEs?

Imressqa: 29.3.2012

Mgħoddija: 2.4.2012

L-iskadenza għat-tweġiba: 9.4.2012